# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R. HIST. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru  2**

**Citaz.  numru:  205/93 GMA**

**Carmelo sive Charles u Carmen konjugi Micallef St. John u Maria u David ahwa Micallef St. John**

**vs**

**Richard Spiteri u Joseph Spiteri, dan ta' l-ahhar ghal kull interess li jista' jkollu bhala rapprezentant fis-sehh ta' l-incident**

**Il-Qorti,**

**<u>L-att tac-Citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew bis-segwenti att tac-citazzjoni kontra l-konvenuti ghar-rizarciment ta' danni konsegwenzjali ghall-

incident stradali li b'konsegwenza tieghu miet l-awtur taghhom

Matthew Micallef St. John.

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Frar, 1993, li bih l-atturi - premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-1 ta' Lulju 1990, ghall-habta tal-5.40 a.m. gewwa Salina Coast Road, Bahar ic-Caghaq gewwa l-limiti tan-Naxxar waqt illi Matthew Micallef St. John iben l-atturi konjugi Micallef St. John u hu l-atturi ahwa Micallef St. John, kien qed jigri mal-gemb tat-triq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar huwa safa milqut mill-vettura C-0562 li kienet misjuqa mill-konvenut Richard Spiteri fid-direzzjoni medesima;

Premess illi l-konvenut Joseph Spiteri kellu l-patria potestas tal-konvenut l-iehor fis-sehh ta' l-incident stante li dan ta' l-ahhar ma kienx maggorenni;

Premess ukoll illi kawza ta' l-imsemmi incident l-istess Matthew Micallef St. John miet ftit sieghat wara gewwa l-Isptar San Luqa;

Premess ukoll illi tali incident gara unikament tort tal-konvenut Richard Spiteri li kien qed isuq l-istess vettura minghajr debita licenzja, b'imperizja, negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u ghaldaqstant l-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-mewt ta' Matthew Micallef St. John;

Premess illi l-vettura C-0562 kienet proprieta' tal-konvenut Joseph Spiteri li kien regolarment jippermetti lill-ibnu Richard l-uzu ta' l-istess vettura;

Premess ukoll illi fid-data ta' l-incident il-konvenut Richard Spiteri kien ghadu minorenni u li l-konvenut l-iehor Joseph Spiteri, missier Richard, kien a konoxxenza tal-fatt li ibnu kien qieghed isuq minghajr licenzja tas-sewqan u polza ta' l-assikurazzjoni u b'hekk l-istess Joseph Spiteri rrenda ruhu responsabbli ghall-hlas tad-danni;

Premess ukoll illi l-istanti sofrew danni kawza ta' l-istess mewt u huma intitolati ghall-istess hlas skond il-ligi u fuq skorta ta' sentenzi nostrali;

Premess illi l-konvenuti gia interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni bonarja u eventwali hlas tad-danni izda baqghu inadempjenti;

Talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident stradali tal-1 ta' Lulju 1990, ghall-habta tal-5.40 a.m. gewwa Salina Coast Road, Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar u konsegwentement responsabbli ghall-mewt ta' Matthew Micallef St. John.

2. tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi kawza ta' l-istess mewt;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-mandati prezentati kontestwalment."

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut Richard Spiteri eccepixxa illi l-incident meritu ta' din il-kawza ma garax tort tieghu imma minhabba traskuragini u nuqqas ta' osservanza ta' dak kollu miktub mill-Highway Code fil-konfront tal-*pedestrians* da parti tas-sinistrat Matthew Micallef St. John.

Il-konvenut Joseph Spiteri eccepixxa: (1) li hu ma kien involut bl-ebda mod fl-incident meritu ta' din il-kawza u ma kienx jaf li ibnu Richard kien ha l-karozza Numru C-0562 mill-pussess tieghu; (2) tant hu hekk illi l-istess ibnu Richard kien instab

hati mill-Qorti tal-Magistrati li saq tali karozza minghajr il-kunsens ta' sidha, u dwar dan ibnu gie mmultat, ghalhekk hu kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Decide**

B'sentenza tal-24 ta' Novembru 1994 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti solidalment bejniethom u llikwidat l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' Lm42,000 u kkundannat lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-istess atturi. Spejjes ghall-konvenuti.

**Motivazzjoni tas-Sentenza Appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

> "Ikkunsidrat:
>
> L-attur Carmel sive Charles Micallef St. John jiddeskrivi l-incident mertu ta' din il-kawza b'dan il-mod:
>
> > "Il-Hadd 1 ta' Lulju 1990, jien u ibni Matthew qomna qabel il-5.00 a.m. biex kmieni kemm jista' jkun jibda

girja twila li bejn wiehed u iehor kienet se tehodlu xi siegha u nofs.

Ir-raguni li ridna nibdew kmieni kienet minhabba l-fatt li fl-1 ta' Lulju x-xemx tila' kmieni hafna u ridna nevitaw kemm jista' jkun is-shana taghha waqt il-girja.

Iddecidejna li Matthew kellu dakinhar jigri fuq il-korsa ta' Bahar ic-Caghaq/Salina ghal din l-ewwel girja twila ta' l-istagun bi preparazzjoni ghal tigrijiet li jibdew minn Ottubru sa Gunju ta' wara, biex jigu evitati tlajja.

Wassaltu bil-karozza sa hdejn High Ridge, quddiem fejn issa nbniet l-iskola gdida ta' St. Catherine, u wara li ghamel ftit "stretching", Matthew beda l-girja tieghu. Kienu xil-5.15 a.m. - 5.20 a.m.

Peress li kien ghadu dlam, jien soqt warajh bil-"bright" mixghul biex indawwallu t-triq ta' quddiemu u bhala protezzjoni warajh, niddippja biss meta jkun gej xi traffiku minn faccata.

Ftit minuti wara li bdejna, avvicinajtu u soqt ftit ma' gembu. Staqsieni jekk il-"pass" kienx bil-mod wisq u jien ghidtlu li kien ghaddej tajjeb. Din kienet l-ahhar darba li kellimna lil xulxin.

Ergajt intfajt warajh sakemm kien sebah sew u anki tfejt id-dawl ghax ix-xemx bdiet tiela'. Kont insuq quddiemu ghal xi 200/300 u nieqaf nistennih waqt li nsegwih mill-mera ta' mill-"windscreen".

Meta skorrejt is-Salina Bay Hotel, waqaft hdejn hajt ftit qabel il-Mr. T. Restaurant. Dan ghamiltu minhabba li sid dan ir-restaurant kellu Alsatian u dan darba, waqt li kont qed nigri jien fl-1985, hareg minn wara l-hajt u gera warajja. Ghalhekk hsibt li kif Matthew jasal hdejja nibqa' nsuq mieghu biex jekk johrog il-kelb, jien inkun nista' nipprotegih.

Sadattant Matthew tfacca u jien qaghadt insegwih mill-mera biex hekk kif jasal hdejja nibqa' nsuq ma' genbu sakemm nitbieghdu minn dawk l-inhawi. Din

> kienet drawwa regolari taghna specjalment meta kien jigri fejn hemm hafna rziezet fil-kampanja.
>
> F'daqqa wahda mill-mera nilmah sportscar hamra ssuq ghal fuqu minn warajh. Ghall-ewwel hsibt li kien xi dardira biex jitkessah isuq vicin tieghu u jdoqqlu xi "horn" ta' l-arja ezatt warajh biex jahsdu. Min hu dilettant tal-giri zgur li xi darba jew ohra ltaqa' ma xi sewwieq minn dawn. Fil-fatt, la naf f'qalbi u lanqas lissinthiex bil-fomm, ghidt dawn il-precizi kelmiet "dan il-h...... biex itih xi qatgha". Dawwart wicci biex inhares lura u minnufih nara 'l Matthew jinqata' sew fl-arja bid-daqqa tal-karozza. Bil-hasda lanqas niftakar li rajtu fejn nizel."

L-istess Charles Micallef St. John jiddeskrivi kif sussegwentement it-tifel Matthew ittiehed l-isptar u hemmhekk miet.

Ghall-kumplament saret riferenza ghall-provi prodotti fil-process Kriminali "Pulizija kontra Richard Spiteri", li jifforma parti minn dan il-process.

Jidher illi Richard Spiteri, debitament imwissi dwar id-drittijiet tieghu fir-rigward tal-proceduri Kriminali, ghazel illi jixhed u qal hekk:

> "Kien hemm car hdejn il-bini l-qadim li qed nuri lil hinn mir-rampa tat-torba. Kien mal-genb pero' ftit maqlugh 'il barra b'mod li ma kienx ipparkjat. Qed nghid ghall-car Gemini griza nru. F-1572. Sata' kien ghaddej bil-mod hafna, kemm jiccaqlaq. Anzi nahseb li hekk kien. Jidhirli li l-hin kien il-5.30 a.m./5.45 a.m. qed jisbah. Kont bid-"dim lights".
>
> Kont mohhi f'dik il-car, Gemini biex niskapula 'l barra minnha u naf li lqatt xi haga - ghall-ewwel hsibt li lqatt gebla. Ma kontx naf li lqatt bniedem. Billi naf li kont ser nieqaf pero' ragel li kien fil-Gemini hareg ighajjat qabel qbiztu b'hekk aktar u aktar waqaft. Waqqafni b'sinjal ta' STOP.
>
> Kif irriversjajt u hrigt gie jistaqsini "fejn hu t-tifel?" Hu mar ifittex aktar 'l hinn u jien rajtu. Kellu rasu fuq id-demm u gismu angolat ghal barra fuq it-trab - angolat fuq genbu xellugi. Missieru staqsieni kellix

> xi haga biex nghattuh u tajtu lizar li kelli fil-car. Tlaqt nitlob l-ajjut f'bini f'livell oghla mit-triq fejn gara l-incident u ma stajniex naqbdu l-isptar. Allura jien qbadt il-car u mort Bugibba. Allura lahqitni l-Gemini misjuqa minn ragel iehor, li qalli li kien irnexxelhom jaqbdu l-isptar. Jien gejt lura fuq il-post ta' l-incident."

Fi tmiem ix-xhieda tieghu l-istess Spiteri jghid:

> "Qabel l-incident lit-tifel ma rajtux u lanqas waqt l-incident."

Sostanzjalment, ghar-rigward ta' l-incident innifsu, huma dawn iz-zewg versjonijiet illi jhollu u jorbtu. Hemm imbaghad il-pjanta tal-lokalita' ta' l-incident esebita a fol. 68 et seq. tal-process Kriminali li tindika r-roqgha demm illi nstabet 'il gewwa mill-karreggjata u bcejjec zghar ta' "perspex" li jidhru immedjatament vicin tal-gemb tal-karreggjata.

Jirrizultaw is-segwenti:

1. Charles Micallef St. John kien prattikament wieqaf bil-karozza tieghu, qieghed ihares lejn ibnu gej jigri fid-direzzjoni tieghu minn warajh.

2. Matthew Micallef St. John kien qieghed jigri vicin ferm tax-xifer tal-karreggjata, u dana jirrizulta kemm minn fejn spicca wara d-daqqa kif evidenzjat mir-roqgha demm u mix-xhieda kemm ta' Charles Micallef St. John kif ukoll ta' Richard Spiteri u mill-bcejjec zghar ta' "perspex" li nstabu fit-triq.

3. "Ex admissis" il-konvenut Richard Spiteri assolutament ma rax lil Matthew Micallef St. John jigri quddiemu fit-triq.

4. L-attenzjoni ta' Richard Spiteri kienet fuq il-karozza misjuqa minn Charles Micallef St. John li kienet quddiemu fit-triq u li allura minhabba fiha ried jaghmel manuvra biex jaqla' lejn il-lemin u jibqa' ghaddej.

F'dawn ic-cirkostanzi, "res ipsa loquitur" u jirrizulta illi Richard Spiteri ma kienx qieghed izomm l-attenzjoni necessarja li kull sewwieq ghandu jzomm fit-triq.

Fil-proceduri kriminali l-abbli difensur tal-konvenut Richard Spiteri ghamel nota ta' sottomissjonijiet, li tinsab a fol. 128 tal-process, u sussegwentement sar ukoll rikors ta' l-appell li jinsab ukoll fil-process.

Ghall-konsiderazzjonijiet maghmula f'dawn id-dokumenti saret riferenza pjena mill-abbli difensur ta' l-istess konvenut Spiteri.

Inghatat importanza f'dawn in-noti dwar il-fatt illi l-mejjet Matthew Micallef St. John kien qieghed jigri man-naha tax-xellug tat-triq b'dahru lejn it-traffiku gej minn warajh, waqt illi l-konvenut xehed illi dak il-hin kien qieghed jisbah u huwa kellu d-"dim lights".

Saret riferenza illi fl-artikoli 15 u 16 tal-Highway Code jinghad "Do not walk with your back to the traffic, walk on the right of the road facing oncoming traffic."

Saru wkoll ir-riferenzi segwenti:

> "Ighid l-awtur M.R. Russell Davies, "The Law of Road Traffic": "Although there are relatively few specific statutory obligations with which pedestrians must comply, a breach of any rules of the Code relating to the road user on foot would usually be a relevant factor in most running-down cases." (Page 185, 5th edition, 1973).

Ukoll l-awtur Roberto Rovelli, "Le Responsabilita' Civili e Penali per gli Incidenti della Strada", Vol. II, pagna 383, jikkummenta li "la Convenzione di Vienna del 1968 sulla circolazione stradale raccomanda che le legislazioni nazionali dispongano che, quando i pedoni circolina sulla carreggiata, essi stiano sulla sinistra se e' prescritta la mano destra per i veicoli."

F'diversi pajjizi saru ligijiet "ad hoc" biex il-pedestrian ma jimxix b'dahru lejn it-traffiku gej minn warajh. Qed jigu ccitati f'dan ir-rigward l-artikolu 134 tal-ligi Taljana, l-artikolu 123 tal-ligi Kanadiza (The Highway Traffic Act, 1970), l-artikolu 5, Regulations for Pedestrian Traffic, Australia, l-artikolu 93 tal-Cape Road Traffic Ordinance, l-artikolu 125 tat-Transvaal Road Traffic Ordinance, u l-artikolu 104 ta' l-Orange Free State Road Traffic

Ordinance. Kif qalu l-awturi Kanadizi Horsley & Foster, "Manual of Motor Vehicle Law", Second Edition, 1974, page 333: "The section was designed to ensure that pedestrians will see oncoming traffic and so have an opportunity to avoid it."

B'dana kollu, dan il-principju gie accettat mhux biss fejn ghaddiet ligi "ad hoc" imma wkoll minn awturi bhal Macintosh & Scoble, "Negligence in Delict", Fifth Edition, 1970, page 416: "The logical reason why a pedestrian should keep to his right-hand side of the road is that traffic overtaking him from behind can safely pass him on his left while he will have a good view of traffic approaching him from the front and thereby have ample opportunity of avoiding a collision by stepping to his right out of the way of oncoming traffic."

L-istess l-awtur Gibb, "Trial of Motor Car Accident Cases", para. 147: "the general practice is for foot-passengers, whether on road or footpath, to keep to the right. It is safer to walk along the highway on the side of the road facing the oncoming traffic than to walk on the oppostie side and risk being struck by unseen vehicles from behind."

Taht dan l-aspett il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatturi kollha cirkostanti l-incident safejn jirrizultawlha.

Sostanzjalment jekk wiehed jigi biex jistabbilixxi x'kienet il-kawza immedjata ta' dan l-incident, wiehed isib illi din ma kenitx is-sitwazzjoni jew posizzjoni ta' Matthew Micallef St. John fil-karreggjata, imma n-nuqqas ta' "proper look-out" tal-konvenut, li ma rax lill-vittma assolutament sakemm laqatha, anzi lanqas biss induna li kien laqat lil xi hadd.

Il-kwistjoni ta' "proper look out" giet investita mill-qrati taghna kemm-il darba.

Il-Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "James Attard kontra Alfred Desira", deciza fil-21 ta' Mejju 1986, ittrattat kaz fejn il-konvenut kien waqqaf it-truck tieghu f'nofs ta' triq u fi dlam assolut peress illi l-vettura tieghu kienet zviluppat difett u effettivament ma setghetx titressaq fil-genb minhabba vetturi ohra pparkjati fil-linja ta' gewwa. L-attur li kien isuq mutur fl-istess direzzjoni habat fin-naha ta'

wara tat-truck. Il-Qorti rriteniet illi l-attur ma rnexxielux jirribatti l-presunzjoni illi f'kollizzjoni bejn vettura pparkjata u vettura miexja, is-sewwieq tal-vettura l-miexja huwa responsabbli ghall-incident. Dan proprju ghaliex f'kollizzjoni bhal din is-sewwieq tal-vettura l-miexja jrid jipprova li kien miexi bi "speed" li seta' jikkontrollaha "within the limits of his vision" u mhux bizzejjed illi jipprova li kien qed isuq bli "speed" permess mil-ligi.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz in kwistjoni ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija f'kazijiet Inglizi kkwotati f'Charlesworth, Law of Negligence, fosthom "Tart vs Chitty", fejn il-Qorti ta' l-Appell Ingliza ddecidiet illi meta persuna li kienet qed issuq mutur dahlet fil-parti ta' wara ta' truck li kien wieqaf, ikkonkludiet illi l-fatti "pointed to one solution only; either the plaintiff was not keeping a proper lookout, in which case he was, as a matter of law, guilty of negligence, or if he was keeping a look-out, he was going too quickly or for some other reason had not his motorcycle under such proper control that he was able to avoid this collision."

L-istess fil-kawza "Baker vs Longhurst", il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet illi l-attur, li kien qieghed isuq motorcycle u habat ma' ziemel u karettun li ma kellhomx dawl, kellu jkun "riding at such a pace as to be able to pull up within the limits of his vision and he must either have been going too fast or not keeping a proper look-out."

Diversi sentenzi tal-qrati taghna mxew fuq l-istess principji,u cioe', l-ewwel illi huwa fid-dmir tas-sewwieq illi jara dak illi huwa "in plain view" u t-tieni illi sewwieq li ma jarax dak illi huwa ragonevolment vizibbli ma jkunx qieghed izomm "a proper look-out".

Tant dwar il-kwistjoni ta' "proper look out". L-uniku argument li jista' jingibed mill-konsiderazzjonijiet ta' l-abbli difensur tal-konvenut ghar-rigward tad-direzzjoni ta' l-andament tal-vittma fit-triq huwa li forsi l-vittma kien ikollu xi cans, zghir kemm hu zghir, li jevita l-mewt kieku rrealizza li l-karrozza ta' Richard Spiteri kienet gejja ghal fuqu. Pero' dana bl-ebda mod ma jimminimizza l-htija tal-konvenut Spiteri ghan-nuqqas ta' koncentrazzjoni necessarja.

Il-Qorti ma tistax ghalhekk tara f'dan ir-rigward xi kontributorjeta' ta' negligenza fil-kamp civili li tista' twassalha biex timminimizza r-responsabbilta' assoluta tal-konvenut Richard Spiteri ghall-incident.

Subordinatament l-abbli difensur tal-konvenut Spiteri jghid fin-nota tieghu illi kien hemm zewg fatturi ohra li min-naha tal-vittma setghu kkontribwew ghall-incident, u dawn iz-zewg fatturi huma, l-ewwelnett illi kien hemm ghadd ta' gebel fit-triq u ghalhekk l-istess Matthew Micallef St. John forsi qala' lejn il-lemin, u t-tieni illi fil-lokalita' in kwistjoni, kif xehed Charles Micallef St. John, kien johrog kelb li jfixkel lil min kien ikun qieghed jigri, u naturalment allura l-vittma ried jevitah.

Il-Qorti jidhrilha pero', illi dawn iz-zewg fatturi, ghalkemm ma jistghux jigu eskluzi bhala ipotezi, ma jistax jinghad illi b'xi mod inducew lil Matthew Micallef St. John biex jigbed lejn il-lemin. L-ewwelnett, mix-xhieda ta' Charles Micallef St. John ma jirrizultax assolutament illi jew dan il-kelb attwalment hareg jew inkella kien hemm xi manuvra da parti ta' Matthew Micallef St. John biex jigbed lejn il-lemin, u fit-tieni lok il-post fejn instab il-vittma u l-post fejn baqa' l-"perspex" tal-karozza ma jindikax illi Matthew Micallef St. John kien gibed lejn il-lemin.

Kif tajjeb osservat l-abbli Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dan ir-rigward:

> "Is-sottomissjoni (tal-konvenut) li bilfors li Micallef St. John hareg 'il barra f'xi hin u b'hekk gie fit-trajettorja tal-karozza misjuqa mill-imputat hija biss wahda immaginarja ghaliex m'hemm xejn x'jindika illi dan kien il-kaz. Dak li huwa evidenti mill-provi huwa illi bilfors li l-imputat ma kienx qieghed attent x'kien hemm quddiemu, ghaliex m'hemmx raguni ghala kieku kien qieghed attent ma kienx jilmah lil Micallef St. John."

Irid f'dan l-istadju jigi ezaminat is-sehem tal-missier, il-konvenut Joseph Spiteri, f'din il-vertenza. L-atturi pprospettaw fil-premessa tac-citazzjoni illi fid-data ta' l-incident il-konvenut Richard Spiteri kien ghadu minorenni u li l-konvenut l-iehor Joseph Spiteri, missieru, kien a konoxxenza tal-fatt li ibnu kien qieghed isuq minghajr

licenzja tas-sewqan u polza ta' l-assikurazzjoni, u b'hekk l-istess Joseph Spiteri rrenda ruhu responsabbli ghall-hlas tad-danni.

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu Joseph Spiteri eccepixxa illi huwa ma kienx jaf li ibnu Richard kien ha l-karozza mill-pussess tieghu u sostna li tant hu hekk li l-istess ibnu Richard kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati li saq tali karozza minghajr il-kunsens ta' sidha, u dwar dan ibnu gie mmultat.

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha, bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-mansjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni. Dina l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' x-xhieda ta' l-istess konvenut Joseph Spiteri, kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami. Huwa dan, flimkien mal-fatturi l-ohra cirkostanti l-kaz illi jorbtu lil dina l-Qorti u mhux dak illi gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha kriminali.

Ma hemmx ghalfejn jinghad illi anki l-grad tal-prova fiz-zewg mansjonijiet huwa differenti.

Joseph Spiteri ammetta illi l-karozza in kwistjoni, flimkien ma' karozzi ohrajn, kienet tkun fil-garaxx, illi c-cwievet kienu jkunu accessibbli, pero' qal illi huwa qatt ma kien jaf illi t-tifel kien isuq din il-karozza jew jekk qattx saq din il-karozza. Jinghad ukoll, pero', illi l-istess missier ta l-impressjoni lill-Qorti illi t-tifel kien pjuttost indipendenti, kien imur ighin lil missieru meta jfettillu, kien johrog mid-dar meta jfettillu u kien bejn wiehed u iehor, ta' tifel uniku, jaghmel dak li jidhirlu hu minghajr wisq kontroll mill-genituri tieghu.

Jekk wiehed jara x-xhieda tal-konvenut Joseph Spiteri wiehed jiehu l-impressjoni li l-attitudini tal-missier lejn ibnu kienet wahda liberali fis-sens li mistoqsi t-tifel fi x'hin kien iqum jew fejn kien imur, ir-risposti kienu pjuttiost nebuluzi u inkonklusivi.

L-artikolu 1034 tal-Kapitolu 16 jispecifika r-responsabbilta' ta' min jiehu hsieb ta' minuri jew ta' mignun. Il-ligi tghid hekk:

> "Kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix."

Il-ligi ma tiddefinixxix xi tfisser il-frazi "il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja", pero' l-artikolu 1032 ta' l-istess Kapitolu 16 ighid illi jitiqes fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza w il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, pero' illi hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

Applikat ghall-kaz in ezami, Joseph Spiteri biex jesimi ruhu mir-responsabbilita' ghall-incident ta' ibnu jrid jipprova illi huwa ha l-mizuri kollha prevedibbli biex ibnu ma jkollux il-facilita' li juza karozza kif fil-fatt uzaha. Il-qrati taghna ripetutament ghamlu distinzjoni bejn persuna li tiehu l-prekawzjonijiet kollha prevedibbli biex jevitaw l-access facli ghall-karozza da parti ta' minuri u dawk il-genituri illi b'certu nuqqas ta' hsieb u b'certu leggerezza jassumu li xejn m'hu ser jigri u jhallu karozza facilment accessibbli. M'hemmx ghalfejn tkun intelligenti hafna fid-dinja ta' llum biex tirrealizza illi guvni li jaqbez is-sittax-il sena u li johrog regolarment ma' hbiebu ghandu certu tentazzjonijiet illi jsuq karozza qabel ma attwalment jakkwista l-licenzja tas-sewqan. Kull min jaqra l-gazzetti u jsegwi l-ahbarijiet jirrealizza li dan huwa avveniment komunissimu.

Issa l-atteggjament tal-konvenut Spiteri johrog mill-frazijiet bhal -

> ................."X'kien jaghmel (it-tifel) dak iz-zmien?"
>
> Risposta: Daqqa jigi l-hanut. Daqqa ma jigix. Kif ifettillu jaghmel dak." ....
>
> Domanda: Kontroll fuq it-tifel kellek int, Sur Spiteri?
>
> Risposta: Kelli.

Domanda: Qatt ma ghaddielek minn rasek li dan jekk ha thallilu c-cwievet, it-tifel dan jista' jehodhom?

Risposta: Heqq, ic-cwievet dejjem hemm hallejnihom, id-dar. U ghadhom hemm sallum.....

Mistoqsi jekk deherlux li c-cwievet kellhom jinhbew -

Risposta: "Jien ma kellix ghalfejn nahbihom ....... ghax jien it-tifel onest mieghi"

Il-konvenut qal ukoll illi ibnu kien johrog bil-karozza ma' shabu.

Il-Qorti ghalhekk issib illi l-konvenut Joseph Spiteri ghandu r-responsabbilta' skond il-ligi ta' min naqas li jiehu hsieb sewwa ta' ibnu minuri.

Deciza ghalhekk il-kwistjoni tar-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni jibqa' li din il-Qorti tghaddi ghall-accertament tan-natura u l-entita' tad-danni sofferti mill-atturi u l-likwidazzjoni finanzjarja taghhom.

Ir-responsabbilta' da parti tal-konvenuti ghall-incident "de quo" tirrendihom ukoll reponsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, danni li huma komprizi fit-termini ta' l-Artikolu 1045 tal-Kapitolu 16. Dan il-Kapitolu jiddisponi hekk:

"1045 (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal dik l-inkapacita' tigi stabbilita bil-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' kkagunata w il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

L-ewwel tlett kategoriji ta' danni fuq imsemmija huma ghalhekk it-telf u l-ispejjez attwali, cioe' dawk id-danni attwali w effettivi maghrufin bhala "damnum emergens". Ir-raba' kategorija ta' danni hija dik tal-"lucrum cessans" li jrid jigi kalkolat ghall-futur. Din ir-raba' kategorija ta' danni hija dejjem aktar diffikultuza, waqt li dawn formanti d-"damnum emergens" iridu jigu biss konstatati materjalment.

Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjamenti taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.

**Lucrum cessans**

In segwitu ghas-sentenza klassika ta' l-Onorevoli Imhallef Maurice Caruana Curran fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Butler vs Heard", konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967, il-qrati taghna dejjem segwew sostanzjalment l-istess kriterji biex waslu ghall-konkluzjoni tal-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans".

Jinghad, kif qalet dik il-Qorti, illi ghal dak illi jirrigwarda l-"lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprovdi b'cirkospezzjoni kbira. Dan il-qliegh il-Qorti trid tasal ghalih minn indizji u fatti futuri li m'humiex ghal kollox certi w il-qliegh jista' jonqos minn mument ghall-iehor anki ghal kawzi naturali. Jista' jkun, bhal ma osservat il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Mary armla ta' George Bugeja vs George Agius noe" deciza fit-12 ta' Jannar 1987, illi l-mejjet kien iddestinat illi jmut zghir u ma jghix il-kors kollu normali tieghu, u dan minhabba kawzi naturali.

Fis-sentenza precitata l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> "Imma dan kollu ammess u naturalment mizmum anki fil-post logiku tieghu fil-konsiderazzjoni tal-Qorti, fil-kawzi civili u specjalment tad-danni, 1'"id quod plerumque accidit", cioe' l-kriterju tal-probabbilta', huwa sufficjenti ghall-konvinciment morali tal-gudikant u l-Qorti ghalhekk m'ghandhiex

> fuq hiex tesita f'dan il-kaz u ghandha takkorda lill-atturi dik is-somma li hija gustifikata minn fatti, dati w indizji li jidhru inkonfutabbli."

Dina l-Qorti sejra taqsam il-kap tal-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans" b'dan il-mod:

(a) <u>Dhul annwali tal-vittma u inkapacita' ta' qliegh futur</u>

Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha quddiemha decujus li kien se jaghlaq it-tmintax-il sena hamsa u ghoxrin gurnata wara li ntlaqat fl-incident. Kien ghadu kemm spicca t-tieni sena Sixth Form u l-ezamijiet ta' l-"A" Level bi preparazzjoni ghal kors fil-"Mechanical Engineering" fl-Universita', u kien effettivament diga' akkwista tnejn mis-suggetti li kellu bzonn, jigifieri l-Physics u s-Systems of Knowledge fil-bidu tas-sena skolastika. Jirrizulta mix-xhieda ta' missieru illi r-rizultati ta' l-ezamijiet l-ohra li kellu bzonn ircevewhom wara l-mewt ta' l-istess vittma u fihom it-tnejn gab "A".

Mix-xhieda tal-missier, attur, mhix kontradetta u mid-dokumenti esibiti, jidher illi kellu certi talenti li jindikaw illi f'kull probabilta' huwa kien jirnexxilu dak illi jidhol ghalih fl-Universita'.

Naturalment wiehed ma jistax ighid qatt x'kien jigri minn Matthew Micallef St. John meta dan jiggradwa. U naturalment ukoll wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi ghal certu numru ta' snin sakemm dan jiggradwa u jibda jahdem, ma kienx ikollu d-dhul prevedibbli ghall-futur.

Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza "Butler kontra Heard", fost dawn fl-Appell Civili "Cortis kontra Azzopardi", 24 ta' Mejju 1968; Appell Civili "Camilleri kontra Carabott", 22 ta' Frar, 1972; "Bellizzi kontra Vella", 27 ta' Gunju, 1979; Prim'Awla "Gasan kontra Scicluna", 28 ta' Novembru 1968.

Fil-kawza "Francis Sultana vs John Micallef" u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 1989, Joseph Perici Calascione ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fogg Insurance Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta' estera Excess Insurance Company Limited gie awtorizzat

jintervieni fil-kawza "in statu et terminis", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fl-20 ta' Lulju 1994, intqal hekk:

> "Illi din il-Qorti tibda biex tosserva li l-mod kif l-ewwel Qorti waslet biex tillikwida l-ammont ta' "lucrum cessans", taqbel mieghu jew le, jaghmel hafna aktar sens u huwa ferm izjed attendibbli mill-mod arbitrarju ta' kif wasal ghall-ammont tieghu l-Perit Legali. Likwidazzjoni "arbitrio boni viri" ssir meta ma jkunux jezistu ebda punti ta' riferenza li jkunu tangibbli jew kwantifikabbli b'xi mod. Jekk il-kaz ikun xort'ohra pero', kif inhuwa l-kaz in ezami, ghandu dejjem desiderevolment isir ezercizzju li juri sforz ta' kif wiehed wasal ghall-ammont likwidat. Dan l-ezercizzju jassumi aktar importanza, naturalment, meta d-danni jkunu ta' natura serja u gravi u l-ammont "da liquidarsi" jkun wiehed sostanzjali bhal ma jipprospetta proprju l-kaz odjern quddiem din il-Qorti ........
>
> ".....Illi fis-sistema legali taghna hemm diga' r-regola li jigu likwidati biss id-danni reali u mhux ukoll dawk morali jew ta' natura psikika jew socjali......"

Ikkunsidrat li tkun xi tkun il-formula li wiehed jaddotta biex jillikwida d-danni futuri din tibqa' dejjem wahda imperfetta. Anki l-percentwal ta' 70% dizabilita' stabbilit mill-espert mediku jista' jkun soggett ghall-kritika. Fi kliem iehor ma tezisti ebda formula magika u perfetta li ma tipprestax ruhha ghal xi forma ta' nuqqas ...... Lanqas jikkummenta dwar il-fatt li l-multiplier kalkolat biss fuq 15-il sena jew li sar tnaqqis ta' 20% fuq l-ammont realment likwidat meta kulhadd jaf kemm huwa incert il-qasam ekonomiku fid-dinja tal-lum. Dan kollu juri li l-kriterju ghandu jkun dak li "in ultima analisi" l-ammont likwidat ikun wiehed xieraq u gust u jirrifletti d-danni kagjonati.

Fil-fehma tal-Qorti l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa wiehed li jirrifletti sew id-danni gravi riportati mill-attur u l-ammont hekk likwidat ghandu jigi kkonfermat."

Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm-il darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu

elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilita'. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

Fil-kaz in ezami, per ezempju, kien ikun ideali kieku wiehed seta' jiffissa b'mod assolut l-ammont ta' qliegh li kien ikollu l-vittma matul il-hajja lavorattiva tieghu kif ukoll kieku wiehed seta' kien jaf jekk apparti l-professjoni normali l-vittma kienx ikollu l-iskop li jkollu dhul minn xi sorsi ohrajn. Pero' dan kollu huwa mistur ghalina llum, bhalma huwa mistur il-perjodu ta' zmien li matulu l-vittma kien ighix kieku c-cirkostanzi kienu differenti.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti bilfors trid timxi fuq il-probabbilta' li tindika illi guvni fl-ahjar zmien ta' hajtu u b'sahhtu kien ikollu z-zmien illi jistudja biex jiggradwa u sussegwentement biex jezercita l-professjoni illi huwa jkun ghazel.

Il-presunzjoni tal-probabbilta' dejjem ghandha tmur favur dak li hu normali u mhux dak li huwa eccezzjonali.

Jinghad illi l-attur Charles Micallef St. John fl-affidavit tieghu spjega illi meta Matthew kien fit-tieni sena tas-Sixth Form kienu hargu applikazzjoni ghall-ezamijiet ghall-iskrivani tal-Mid-Med Bank u ghall-Bank of Valletta, u Mtthew applika ghax qal illi qabel jidhol l-Universita' jrid jahdem ghal ftit zmien biex jibda jfaddal biex jixtri karozza. Ghadda mit-tnejn u baghtu ghalih iz-zewg banek u spicca biex ghazel il-Bank of Valletta.

Effettivament, xehed rapprezentant tal-Bank of Valletta u qal illi mill-impieg tieghu kieku baqa' l-bank huwa kien jibqa' tiela sa figura ta' elfejn disa' mija u sittax-il lira (Lm2,916) fis-sena. Naturalment, pero', il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-vittma kien ser jibqa' jistudja ghal Mechanical Engineer u kwindi l-ammont li jrid jittiehed bhala bazi ghas-salarju matul il-hajja lavorativa tieghu huwa akbar minn hekk.

Issa meta wiehed iqis il-fatt illi l-mejjet kien ikollu jaghmel certu numru ta' snin minghajr kumpens ta' dhul minn professjoni sakemm jiggradwa u sussegwentement

wiehed ma jistax ikun cert illi dan kien isib impieg jew ezercizzju tal-professjoni mill-ewwel u f'liema livell, ghalhekk jidher ekwu illi jittiehed kont tac-"chances and changes" kemm tal-hajja kif ukoll ta' l-aspettattiva tax-xoghol u tal-kumpens relattiv.

Wara hsieb fit-tul u ta' qbil ma' medja ta' dhul prevedibbli, u tenut kont tal-fatturi fuq imsemmija, il-Qorti tibbaza l-kalkoli taghha bhala l-ammont ta' telf fis-sena li kien isofri l-vittma fl-ammont ta' hamest elef lira (m5,000).

(b) <u>Il-Multiplier</u>

Hawn ukoll il-gurisprudenza taghna turi certu differenzi fl-ezercizzju diskrezzjonali. Wahda mill-ahhar sentenza li wzat "multiplier" pjuttost gholi fuq persuna ta' ghoxrin sena hija s-sentenza "Zimelli kontra Sammut" deciza minn din il-Qoti diversament presjeduta fil-15 ta' Gunju 1993, fejn ittiehed "multiplier" ta' tletin (30) sena ghal tfajla li garrbet incident meta kellha ghoxrin (20) sena u l-Qorti kkummentat ukoll illi kienet tkun propensa anki li tikkunsidra "multiplier" itwal kieku ma kienx ghall-konsiderazzjoni medika espressa f'dik il-kawza li mhux eskluz li seta' jkun hemm xi miljorament marginali fil-kondizzjoni ta' l-attrici matul iz-zmien.

Il-Qorti kkummentat illi tali miljorament, li anki jekk illum hu ipotetiku, kien ifisser titjib ta' kapacita' ghall-qliegh ta' l-attrici.

Din l-Qorti kkunsidrat:

Illi skond id-decizjonijiet tal-Law Commission fl-Ingilterra fuq "personal injuries" il-"multiplier" ghall-perjodu ta' erbghin (40) sena huwa ta' tmintax (18).

Fil-kaz "Mary Bugeja kontra George Agius" deciz mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Jannar, 1987, ghal haddiema tal-Malta Drydocks ta' erbgha u tletin (34) sena, il-Qorti wzat "multiplier" ta' sitta u ghoxrin (26) sena wara illi ma qablitx mad-diskrezzjoni ta' periti perizjuri li kienu wzaw "multiplier" ta' tmintax (18)-il sena.

Jinghad ukoll illi l-qrati taghna gieli addottaw sistema differenti u meta gew biex jikkonsidraw in-numru ta' snin ghall-finijiet ta' "multiplier" ikkonsidraw jekk mis-somma

finali kenitx ser titnaqqas dik il-parti li tigi kkonsidrata bhala ammont li l-vittma kienet ser tnaqqas mill-ammont li hija ddahhal ghall-bzonnijiet personali taghha tal-hajja ta' kuljum, u gieli wkoll illi rabtu l-"multiplier" mal-kwistjoni tal-pagament tal-ghoxrin fil-mija (20%) "lump sum payment benefit" li ntroduciet fis-sistema s-sentenza "Butler kontra Heard".

Fil-kawza fuq citata "Borg vs Psaila" l-Qorti addottat multiplier ta' 25 sena bhala bazi li minnu naqqset 4 snin li matulhom id-decujus (tifel ta' 12-il sena ma kienx mistenni jibda jahdem.)

Fis-sentenza "Sultana vs Micallef" citata supra, intqal:

"Madanakollu d-danni fizici sofferti mill-atturi huma reali u trattandosi ta' persuna li fiz-zmien ta' l-incident kellha biss 35 sena, il-"multiplier" ta' hmistax-il sena adoperat mill-ewwel Qorti biex jirrifletti l-hajja tieghu lavorattiva futura m'hijiex wahda partikolarment generuza.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti propensa li tmur aktar vicin il-multiplier addottat fil-kawza "Zimelli vs Sammut" u ghalhekk qeghda taddotta multiplier ta' tmienja u ghoxrin (28) sena.

## Tnaqqis Konsum Personali

Il-qrati taghna ripetutament rabtu l-ammont ta' snin addottat bhala multiplier mal-konsiderazzjoni jekk mill-ammont finali kienx ser jitnaqqas parti li tigi kkunsidrata bhala ammont li l-vittma kienet ser tnaqqas mill-ammont li hija ddahhal ghall-konsum personali taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Borg et vs Joseph Psaila" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 1994, mill-ammont likwidat skond telf ta' qligh ghal multiplier adottat, il-Qorti naqqset 25% rapprezentanti l-ammont li l-istess decujus kien jikkonsma mill-introjtu kieku baqa' haj.

## "Lump sum payment benefit"

Dwar il-kwistjoni tal-"lump sum payment", kif diga' inghad, il-qrati taghna gieli adottaw "multiplier" baxx biex imbaghad ma nkludewx it-tnaqqis ghal "lump sum

payment", partikolarment kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Nazzareno Apap proprio et nomine kontra Francis Degiorgio et" deciza fis-16 ta' Jannar 1984, fejn il-kawza kienet ilha li giet intavolata mit-30 ta' Marzu, 1972 (stante l-komplessita' tal-proceduri gudizzjarji) fejn kwazi ghaddew "it-tnax-il sena adottat bhala multiplier u ghalhekk il-Qorti rriteniet illi m'ghandhiex issir ebda riduzzjoni ghal din ir-raguni." Ara f'dan is-sens Appell "Zammit kontra Bezzina", 19 ta' Settembru 1973, u "Eder kontra Bajada", 29 ta' Marzu 1985.

F'dan ir-rigward pero', dina l-Qorti jidhrilha illi ddecidiet il-kawza fl-iqsar zmien possibbli ghaliha u certament ma jistax jigi lamentat illi kien hemm xi trapass ta' zmien inordinat.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghandha tnaqqas dawn l-ghoxrin fil-mija (20%).

## Grad ta' Dipendenza

Irid jinzamm prezenti wkoll il-fatt illi taht cirkostanzi normali l-vittma kien mistenni li jizzewweg u jifforma familja u b'hekk l-atturi ma kienux jibqghu eredi jew dipendenti tieghu. Fil-kawza "Borg vs Psaila" citata supra l-Qorti kienet qieghdha tikkonsidera mewt tragika ta' tifel ta' 12-il sena u a bazi ta' dan il-fattur naqqset b'cirka 50% il-perijodu mehud in konsiderazzjoni biex jaghmel tajjeb ghal din l-eventwalita'.

Fil-kawza imbaghad "Joseph Meli et vs Captain Teddy Cachia", deciza minn din il-Qorti (AJM) fil-21 ta' Novembru 1994, il-Qorti kellha quddiema l-kwistjoni li l-vittma ma kienx "breadwinner". Si trattava ta' guvni ta' sbatax-il sena. Bhal fil-kaz quddiem din il-Qorti llum, il-kaz kien jirrigwarda persuna li kienet tifforma parti min-nukleju familjari bil-presunzjoni li dan fil-futur jifforma familja tieghu. Il-Qorti f'dak il-kaz addottat is-sistema li tnaqqas 50% mill-ammont likwidat li jirrapprezenta tnaqqis gust minhabba l-assenza ta' dipendenza ta' l-atturi ghad-decujus.

Jista' jigi argumentat illi hawn forsi dehlin fil-kamp tad-danni morali. U f'certu sens dan hu veru. Imma l-gudizzju f'materji simili ghandu mhux biss mill-prettament

legali, imma wkoll mill-ekwita' li hi essenzjalment parti mill-kamp filosofiku morali.

Il-Qorti rat f'dan ir-rigward illi l-qrati taghna f'certu cirkostanzi ghamlu tnaqqis ta' zewg kwinti (2/5), sistema addottata mill-qrati taghna *inter alia* fis-sentenza "Bugeja kontra Agius" fuq citata mit-total likwidat apparti l-kwistjoni tal-"lump sum payment benefit". Izda f'dan il-kaz partikolari l-Qorti hija aktar propensa li taddotta tnaqqis ta' 50% ghal motivi fuq esposti.

Kwantu ghall-persentagg ta' disabbilita', naturalment hawnhekk il-Qorti trid tiehu l-massimu.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti sejra tahdem it-total tal-"lucrum cessans" fuq il-bazi illi l-vittma kien ikollu dhul "average" ta' hamest elef lira (Lm5,000) fis-sena li jigi multiplikat bi tmienja u ghoxrin sena u cioe' l-ammont totali ta' Lm140,000.

Minn dan jitnaqqas l-ammont ta' Lm5,000 rapprezentanti 25% riduzzjoni ghal konsum personali, li jgib bilanc ta' Lm105,000.

Minn dan jitnaqqas l-ammont ta' Lm21,000 rapprezentanti 20% "lump sum payment benefit", li jgib bilanc ta' Lm84,000.

Dan l-ammont irid jigi diviz bin-nofs biex jittiehed in konsiderazzjoni l-motiv li jidher taht il-vuci intestata Grad ta' Dipendenza aktar 'il fuq. Dan iwassal ghal figura ta' Lm42,000 (tnejn u erbghin elf lira).

Jinghad illi rigward id-"damnum emergens" ma ngabu ebda provi w il-Qorti ma hija sejra takkorda l-ebda ammont dwar dan lill-atturi."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Iz-zewg konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma

appellaw b'zewg rikorsi ta' appelli differenti li pero' fl-ewwel lok jinvestu l-materja ta' responsabbilita' ghall-incident li fih Matthew Micallef St. John gie milqut mill-vettura misjuqa mill-appellant Richard Spiteri waqt li kien qieghed fuq tahrig ta' giri gewwa s-Salina Coast Road, Bahar ic-Caghaq, fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu.

L-appell ta' Joseph Spiteri, missieru, li gie mharrek ukoll in kwantu kien allegatament responsabbli ghall-ghemil ta' ibnu minuri, naturalment jinvesti l-aggravju tieghu in kwantu l-Ewwel Qorti li rritenietu ko-responsabbli solidalment ma' ibnu ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident.

Din il-Qorti sejra allura tikkonsidra l-appelli kontestwalment u taqsam il-konsiderazzjoni taghha taht tlett kapi: (A) ir-responsabbilita' ghas-sinistru; (B) likwidazzjoni tad-danni; u (C) ir-responsabbilita ta' Joseph Spiteri.

**(A) <u>Ir-responsabbilita' ghas-sinistru</u>**

Din il-Qorti tibda biex tippremetti illi kellu jkun car illi mhux kull infrazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku jew agir skorrett jew delitwuz minn xi parti involuta f'incident stradali kienet

necessarjament rilevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghalih. Il-Qorti kellha fl-indagini taghha tfittex biex tiddetermina x'kienet il-kawza prossima w immedjata ta' l-incident u jekk il-persuni nvoluti bil-komportament taghhom kienux direttament ipprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih. Hekk allura l-fatt illi Richard Spiteri ma kellux licenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni waqt illi kien qed isuq, fih innifsu, ma kienx jikkostitwixxi prova rilevanti ghal fini ta' responsabbilita' jekk ma jigix pruvat illi l-istess Richard Spiteri saq b'mod negligenti w imprudenti u li kien minhabba f'hekk illi sehh is-sinistru. Il-fatt illi kien ghadu minorenni u ma kellux licenzja hi rrilevanti ghall-fini ta' l-akkuzi kriminali migjuba kontrih f'dak il-foro pero' *in civilibus* kien biss marginalment rilevanti bhala prova jekk il-fattur ta' l-eta' kien xhieda ta' l-imperizja tieghu fis-sewqan. L-istess mill-banda l-ohra l-fatt illi Matthew Micallef St. John, waqt li kien qed jigri fil-Coast Road, seta' ma osservax dak li hu suggerit mill-Highway Code li kellu jaghmel waqt li kien qed jittrejnja biex jipprotegi ruhu kontra l-possibbilita' ta' incident, ma kienx ghall-fini ta' responsabbilita' rilevanti sakemm ma jigix pruvat illi bil-komportament tieghu huwa kien pozittivament ikkontribwixxa jew ipprovoka s-sinistru.

Fil-kaz taht ezami l-incident kien jinvolvi vettura li tajret persuna li t-tnejn kienu qeghdin jipprocedu fl-istess direzzjoni fil-Coast Road, in-naha tas-Salini, diretti lejn San Pawl il-Bahar. Il-Qorti kellha allura tezamina x'kien li pprovoka l-incident li essenzjalment kien jinvolvi *pedestrian* illi gie milqut minn vettura minn wara. L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet ezami ezawrjenti tad-dinamika ta' l-incident u waslet ghall-konkluzzjoni illi r-responsabbilita' shiha ghalih kellha tigi akkollata fuq id-*driver* tal-vettura li tajret lil *pedestrian* u qatlitu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel konsiderazzjoni li ghandha taghmel hi li l-gudikant kellu jezamina r-responsabbilitajiet tal-persuni nvoluti biex jistabilixxi x'kien li pprovoka l-incident. Dan kien *toto coelo* differenti mill-konsiderazzjoni dwar jekk xi wiehed jew xi persuni nvoluti fih setax jew le, kieku kien qed jagixxi mod iehor, jevita s-sinistru. Il-fatt li wiehed seta' kien f'posizzjoni, kieku agixxa mod iehor, li jirreagixxi tempestivament *in the agony* ta' l-incident biex jevita d-dannu ma kienx necessarjament jirrendih responsabbli jew ko-responsabbli ghall-incident fih innifsu. Dik il-possibbilita' ma kenitx minn natura taghha element li tiddetermina r-responsabbilita' ghall-incident, li f'dak il-mument, ikun diga' *in actu* kawzat minn negligenza u traskuragini tal-parti l-ohra

nvoluta. Kien dan l-agir illi kellu jitqies il-kawza prossima w immedjata tieghu. Hu proprju fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet illi kellha titqies l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti meta ezonerat lil Matthew Micallef St. John minn kull addebitu billi qalet "*li forsi l-vittma kien ikollu xi cans zghir kemm hu zghir li jevita l-mewt kieku rrealizza li l-karozza ta' Richard Spiteri kienet gejja ghal fuqu*".

"*Reference is still sometimes made to the supposed principle that the party whose negligence was last in point of time and could therefore could last have avoided the accident, was liable. The law Revision Committee said "in truth there is no such rule as what has been somewhat ineptly called the "last opportunity rule". The question is not who had the last opportunity for avoiding the mischief but whose act caused the wrong? It is not possible to define what will be regarded as the cause of an accident. It is rather left for the individual decision of the Tribunal to determine what in their view was in a real sense the cause.*" (Bingham's Motor Claims Cases - 5th Edition - page 13 et seq).

L-Ewwel Qorti gustament analizzat bir-reqqa kemm il-komportament ta' Michael Spiteri kif ukoll il-komportament ta'

Matthew Micallef St. John. Analizi akkurata u korretta bazata sostanzjalment fuq il-provi li rrizultaw quddiem il-Qorti Kriminali li ghalihom il-kontendenti ghamlu riferenza. Ma jidher li kien hemm l-ebda element ta' prova rilevanti ghar-responsabbilita' li gie skartat mill-Ewwel Qorti. Fil-verita', fil-waqt illi indubbjament wiehed kellu jezamina l-komportament tal-*pedestrian* fit-triq biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni jekk dan kienx b'xi mod ipprovoka jew ikkontribwixxa ghall-akkadut, kien essenzjalment il-komportament tad-*driver* tal-vettura illi tajritu illi kellu qabel xejn jinteressa lill-gudikant. Dana ghaliex hu stabbilit illi fil-kaz that ezami l-*pedestrian* kien il-hin kollu quddiem il-vettura kien kjarament mistenni illi s-sewwieq taghha, pjenament in kontroll tal-vettura, jkun il-hin kollu f'posizzjoni li jirrealizza x'attivita' kien qed jigri quddiemu fit-triq biex fejn hemm bzonn tempestivament jevita kull ostakolu.

L-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni gusta illi Richard Spiteri ma kienx qieghed izomm *a proper look out* ghal dak li kien qed jigri quddiemu u dan johrog b'mod lampanti mill-affermazzjoni tieghu illi fl-ebda mument ma kien ra lil Matthew Micallef St. John quddiemu la qabel l-incident u lanqas waqt l-incident. Il-fatt illi Spiteri mhux f'posizzjoni illi jaghti ebda dawl

fuq il-komportament tal-*pedestrian* bilfors igib lill-gudikant fis-sitwazzjoni illi ma kien hemm l-ebda element ta' prova li dan kien qieghed jabbuza mill-uzu tat-triq b'mod illi, bl-agir tieghu, seta' fixkel jew hasad lis-sewwieq. Il-provi l-ohra cirkostanzjali imbaghad isahhu l-konvincement illi l-*pedestrian* kien qieghed jigri razenti t-tarf tat-triq fuq ix-xellug tad-*driver.* Hu kien sewwa *in plain view* tieghu fit-triq wiesgha u meta ma kien hemm l-ebda traffiku iehor gej mid-direzzjoni opposta li seta' jostakolalu l-vizwali. Bl-ammissjoni ta' l-istess Richard Spiteri ma seta' jkun hemm ebda dubbju illi li kieku kien qed ihares sewwa u attent ghal dak li kien qieghed jigri quddiemu, lill-*pedestrian* ma setax ma jarahx. Infatti hu jilmenta illi ma rahx proprju ghaliex l-attenzjoni tieghu kienet giet zvijata mill-mod allegatament insolitu li l-karozza quddiemu, misjuqa mill-attur, kienet qed tagixxi. La kienet sewwa fil-vizwali tieghu din il-karozza kien necessarjament ukoll sew fil-vizwali Matthew Micallef St. John li fil-mument ta' l-incident kien qed jigri bejn iz-zewg vetturi. Il-konvenut Michael Spiteri jixhed illi fil-hin ta' l-incident kien ghadu qed jisbah u, kien qed isuq bid-*dim lights.* Apparti l-imprudenza li wiehed isuq b'*dim lights* f'arterja principali, dak iz-zmien dlam cappa u mhux mixghula, kien hin meta kien ghadu jisbah, nofs dlam u nofs dawl, din il-Qorti tara li hu inspjegabbli l-komportament ta' Michael Spiteri

illi jibqa' hekk isuq bid-*dim lights* nonostante li rrealizza li quddiemu, skond hu, kien qed jigri xi haga mhux tas-soltu minn vettura quddiemu.

Ir-responsabbilita' tal-konvenut Michael Spiteri ghalhekk ma tistax tigi imqeghdha fid-dubbju ghaliex hi evidenti mill-fatt stess li hu nnifsu ma gharafx jaghti spjegazzjoni ghaliex gara l-incident. Ma setax certament jaddebita xi htija fuq il-*pedestrian* ghax fl-ebda mument ma rah u ma kien hemm l-ebda prova illi tindika li dan b'xi mod ostakolah fis-sewqan tieghu. Il-fatt li l-vettura quddiemu kienet misjuqa mill-attur u kienet attirat l-attenzjoni tieghu, bl-ebda mod ma kien jiggustifikah illi ma jkunx konxju ta' kull haga ohra li kienet qed tigri fit-triq b'mod partikolari dak li kien qieghed isehh immedjatament quddiemu. Certament ma kienet l-ebda skuzanti illi c-cirkostanzi ambjentali f'dak il-mument setghu naqqsulu l-possibbilita' li jara sewwa x'kien qed jigri minhabba d-dlam, jew minhabba l-mument jew il-hin meta sehh l-incident. Aktar ma kien hemm diffikultajiet ta' din ix-xorta akbar kellha tkun l-attenzjoni tas-sewwieqa.

Din il-Qorti allura ma tistax ma taqbilx li dan kien kaz ta' *res ipsa loquitur*. L-aggravju principali ta' l-appellanti fir-rigward

tar-responsabbilita' hu in fatti illi l-*pedestrian* kien qieghed jigri b'dahru lejn it-traffiku u li, jekk ried jigri fuq dik it-triq, kien messu ghazel li hekk jaghmel fuq in-naha tal-lemin biex ikun wiccu lejn it-traffiku. Din il-Qorti ma tikkontestax illi dan kien probabbilment element li seta' sewa l-hajja tal-*pedestrian*. Ir-rakkommandazzjoni tal-Highway Code f'dan ir-rigward hi wahda ta' ghaqal kbir u kien fl-interess ta' kulhadd illi jsegwiha. Pero' l-inosservanza ta' dan il-moritu wahdu ma setax jitqies li kien element kontributorju ghall-incident ghax ma hemm l-ebda indizju ta' prova illi kien xi fattur illi pprovokah jew li kkawzah. Ma hemm xejn x'jindika illi l-*pedestrian,* anke jekk kien qieghed jigri b'dahru lejn it-traffiku, ghamel xi moviment li b'xi mod issorprenda lis-sewwieq. Kien indubbjament miexi razenti t-tarf tat-triq, ma hemm xejn x'juri illi f'xi mument hu kien htieglu jaqla' 'l barra mit-trajettorja li fiha kien qed jigri. Kien jew kellu jkun fil-vizwali tas-sewwieq u dana b'mod inostakolat ghal tul konsiderevoli. Kif inghad pero', il-fatt indubbju illi l-*pedestrian* seta' kellu l-opportunita' illi jevita l-karozza ta' Spiteri li kieku kien qed ihares lejha u, forsi tragikament bata konsegwenzi ghax hekk ma kienx qed jaghmel, dan il-fatt ma setax jitqies li b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident li gie, kif sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti, kawzat unikament minhabba nuqqas, ammess tad-*driver* tal-

vettura, illi jzomm *a proper look out*. Il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata fuq dan l-aspett tal-kawza huma allura korretti u din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha.

**(B) <u>Fir-rigward tal-likwazzjoni tad-danni</u>**

F'dan ir-rigward l-ewwel aggravju tal-konvenuti hu li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx distinzjoni bizzejjed bejn *personal injuries* u mewta stradali meta llikwidat il-*lucrum cessans*. Huma jittantaw javanzaw l-argument illi l-fatt illi l-vittma ta' l-incident stradali mietet kellu jkun fattur li jnaqqas il-*quantum* tal-*lucrum cessans* meta pparagonat ma' dak li kellu jigi likwidat favur persuna li tibqa' hajja imma ssofri minn debilita' permanenti. Din is-sottomissjoni tistona u din il-Qorti ma tistax tikkondividiha. L-appellanti jsostnu illi f'kaz ta' mewta stradali ta' guvni ta' sbatax (17)-il sena kollox kien mibni fuq incertezzi, kemm tieghu personalment kif ukoll tad-dipendenti, li f'dan il-kaz kienu l-atturi li kienu l-genituri u hut is-sinistrat.

Din il-Qorti ezaminat il-konsiderandi ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni kif riportati aktar 'il fuq fis-

sentenza appellata, Anke f'dan jidhrilha illi l-motivazzjoni kienet wahda mill-aktar akkurata w estensiva bazata fuq gudikati recenti aggornati. Din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament taghha fir-rigward ta' dawk il-fatturi li kellhom jigu meqjusa biex iwasslu ghal kwantifikazzjoni tad-danni. Indubbjament f'ezercizzju ta' din ix-xorta hemm spazju konsiderevoli ghad-diskrezzjoni tal-Qorti izda ma hemm xejn f'dan il-kaz illi jindika illi tali diskrezzjoni kienet ezercitata mill-Ewwel Qorti b'mod li ma kienx gust u konsistenti. Dan b'mod partikolari japplika ghal determinazzjoni tal-*multiplier,* li llum jista' jidher ukoll, meta kkomparat ma' gudikati ohra, wiehed konservattiv, kif ukoll mal-bazi annwali ta' qliegh li setghet tiggwadanja l-vittma li kien qabad karriera bankarja. Fis-sottomissjonijiet maghmulha mill-appellanti allura ma emergew l-ebda elementi illi jinducu lil din il-Qorti biex tvarja kemm il-metodu tal-likwidazzjoni tad-danni kif ukoll id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti sabiex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-komputazzjoni ta' dawn id-danni l-Ewwel Qorti kienet sensittiva ghall-element tal-grad ta' dipendenza tant illi hasset li jkun xieraq illi tnaqqis taht dan il-kap kellu jkun ta' hamsin fil-mija (50%) u mhux ta' hamsa u

ghoxrin fil-mija (25%) kif kien indikat, sa allura, mill-gurisprudenza.

**(C) <u>Rigward ir-responsabbilita' tal-missier Joseph Spiteri ghall-komportament ta' ibnu minuri</u>**

Il-Qorti tikkonsidra issa l-aggravju fl-appell tal-konvenut Joseph Spiteri ritenut responsabbli mill-Ewwel Qorti talli ma hax hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti *in extremis* dan l-appellant eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jipprovdi illi:

> "*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn*".

Kjarament fil-kaz taht ezami dan l-Artikolu ma japplikax ghaliex hawn si tratta ta' azzjoni ghall-hlas ta' hsarat ikkagunati b'reat. Kien ikun allura applikabbli l-Artikolu 2154 illi jipprovdi illi:

> "*Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas ta' hsarat ikkagunati b'reat ghandhom jitharsu r-regoli li*

*hemm fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni Kriminali.*"

Il-meritu ta' din il-kawza jirrigwarda omicidju involontarju, kien applikabbili allura l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali illi jiddisponi illi:

"*Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jikkaguna l-mewt ta' xi hadd jehel, meta jinstab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa mhux izjed minn Lm2000.*"

L-Artikolu 688 ta' l-istess Kodici (Kapitolu 9) jiddisponi illi:

"*L-azzjoni kriminali taqa' bl-gheluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena.*"

Dan ifisser illi t-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni civili ghall-hlas u risarciment tad-danni konsegwenzjali ghall-akkuza ta' omicidju involontarju kellu jkun dak ta' hames snin, terminu li

jestendi wkoll ghall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-missier li taht is-setgha, it-treggija w il-hsieb tieghu kellu lill-ibnu minuri. Dan ghaliex hu wkoll kien ikun suggett ghall-istess piena jekk jigi ppruvat illi naqas mill-obbligu tieghu li jgieghel illi l-ligi tigi mharsa minn ibnu minuri u jekk jigi ppruvat li dak li sehh seta' jigi evitat fid-diligenza da parti tieghu. L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi ghalhekk michuda, kemm ghaliex id-disposizzjoni invokata ma kienx applikabbili kif ukoll ghaliex dik applikabbli kienet timponi terminu preskrittiv ta' hames snin li kien ghadu kjarament ma ddekorriex mid-data ta' l-akkadut sad-data tal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni.

Il-konvenut Joseph Spiteri imbaghad jaghmel aggravju fuq il-fatti kif analizzati mill-Ewwel Qorti u jissottometti illi hu ma kienx naqas mill-obbligu tieghu illi jindokra l-minuri u li ma kienx korrett li jigi ritenut illi huwa ma kienx ha hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. L-esposizzjoni illi ghamel fir-rikors ta' l-appell tieghu in kwantu jirrigwarda l-principji ta' dritt applikabbli kienet certament wahda korretta. Indubbjament kien jispetta lill-atturi li jippruvaw in-nuqqas ta' diligenza da parti tal-missier li kien biss prezunt *iuris tantum* responsabbli ghall-komportament delittwuz ta' ibnu minuri. Kellu jkun hemm prova sodisfacenti illi l-genitur kien ittraskura

d-doveri tieghu li jindokra lill-ibnu minuri. Pero' din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi kien bizzejjed biex jezimi ruhhu mir-responsabbilita' li biha tghabbih il-ligi illi b'mod generiku jissodisfa lill-Qorti illi huwa kien, bhala regola, jagixxi b'mod responsabbli fil-konfront tieghu fis-sens illi kien jipprovdi adegwatament ghalih, jikkurah u jiehu hsiebu. Waqt li dawn kienu kjarament cirkostanzi li setghu jillostraw x'kienet jew ma kienitx ir-responsabbilita' tal-missier fil-kaz partikolari, ILi kien fuq kollox jinteressa lill-Qorti kien jekk il-missier kienx jew messux kien konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel jew ma jaghmilx ibnu minuri u li ma kienx bil-ligi permess u jekk ir-risposta ghal dan il-kwezit hi fl-affermattiv, x'passi kien ha jew messu ha biex jikkontrolla, fil-limiti tar-raguni l-komportament, ta' ibnu minuri. Taht dan l-aspett din il-Qorti qieset il-konsiderandi fis-sentenza appellata fid-dawl ta' l-atti processwali u waslet ghall-konvincement li ma setghetx taghmel haga ohra hlief illi tistrieh fuq l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti li kkonkludiet li l-appellant Joseph Spiteri kien iddefetta minn dik id-diligenza w attenzjoni mehtiega biex jezercita kontroll fuq ibnu minuri u ta' l-anqas jovvja ghar-riskju li dan jivvjola l-ligi.

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma hi xejn konvinta illi l-konvenut Joseph Spiteri ma kienx konsapevoli tal-fatt illi ibnu minuri mhux biss kellu t-tentazzjoni normali ta' tifel ta' l-eta' tieghu li jipprova jsuq il-karozzi ta' missieru, imma kien ukoll jaf illi xi kultant hekk kien qed jaghmel. Din il-konvinzjoni wiehed jasal ghaliha wkoll mill-mod xejn car u attendibbili kif xehed quddiem l-Ewwel Qorti u minn indizji ohra cirkostanzjali li kkonfortaw il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi d-dixxiplina tal-missier fuq it-tifel minuri, anke jekk dan kellu sbatax (17)-il sena, ma kienitx proprju l-attribut illi tikkaratterizza r-relazzjoni bejn il-missier u t-tifel f'dan il-kaz. Il-Qorti tifhem u tapprezza illi d-dixxiplina f'dik l-eta' u fiz-zmien tallum mhux daqstant facli. Tifhem ukoll illi l-missier kien aktar propens biex jassigura l-onesta' tat-tifel mieghu milli biex ipoggih in regola. Mill-banda l-ohra pero' aktar ma kien iebes l-ezercizzju ta' dixxiplina, akbar kellha tkun id-diligenza da parti tal-missier biex jevita kull tentazzjoni tat-tifel minuri li jikser ir-regola. Anke din tentazzjoni kbira fiz-zminijiet tallum fejn si tratta ta' sewqan ta' karozzi qabel ma tittiehed il-licenzja, specjalment meta l-attrazzjoni tkun tinkludi wkoll karozza veloci u moderna.

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, tifhem illi l-konvenut Joseph Spiteri u kull missier fis-sitwazzjoni tieghu kien obbligat illi jzomm kontroll shih tal-vetturi tieghu. Certament ma gharafx jaghti spjegazzjoni ghall-fatt pruvat illi ibnu minuri kien qieghed isuq il-vettura tieghu - l-aktar karozza veloci li kellu - fis-sieghat bikrin ta' filghodu meta wiehed kien jistenna illi kien ikun rieqed id-dar. Lanqas ma jirrizulta mill-atti illi din ix-xorta ta' avventura kienet unika jew l-ewwel wahda. L-impressjoni li wiehed jiehu hi illi l-vetturi tal-konvenut Joseph Spiteri kienu facilment accessibbli ghal ibnu minuri u li l-ebda tentattiv ma sar biex dan ma jkunx hekk nonostante illi l-missier kien jitlaq ghax-xoghol fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu u ma jirritornax lura d-dar jekk mhux tard bil-lejl. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed kien ragonevolment jistenna illi l-prudenza, id-diligenza w il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja kellhom jissuggerixxu lill-konvenut appellant Joseph Spiteri li jiehu dawk il-prekawzjonijiet elementari biex ma jpoggix tentazzjoni kbira ta' din ix-xorta quddiem ibnu minuri, fl-eta' meta certament kien qed jersaq biex jippretendi li jkollu licenzja tas-sewqan fi zmien ftit xhur – kif fil-fatt akkwista - u meta allura indubbjament kien hemm probabbilita' kbira li hu kien diga' qieghed jesperimenta fit-tahrig mehtieg ghal dan il-fini. Infatti din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hi konvinta li meta sehh l-

incident, iben l-appellant Joseph Spiteri kien gia' jaf ben tajjeb isuq. Cirkostanza din illi difficilment ma kenitx ukoll a konoxxenza tal-missier.

F'dan ir-rigward allura din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata li tirrizulta ben spjegata u fondata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi l-appelli taz-zewg konvenuti Richard Spiteri u Joseph Spiteri qed jigu michuda w is-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Deputat Registratur

rf.